Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0238

Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2026 dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom (PE-CONS 00039/2026 – C10-0144/2026 – 2013/0072(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (PE-CONS 00039/2026 – C10-0144/2026),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2013[1],

– wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[2] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0130),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari[3] dwar il-pożizzjoni

---

1 ĠU C 327, 12.11.2013, ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/TXT/?uri=celex:52013AE2576.

2 ĠU C 93, 24.3.2017, ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A52014AP0092/Testi adottati, 5.2.2014, P7_TA(2014)0092.

3 Testi adottati, 21.1.2026, P10_TA(2026)0009.

tal-Kunsill fl-ewwel qari[4],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (COM(2026)0129),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(13) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 79 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A10-0191/2026),

1. Japprova t-test konġunt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

4 ĠU C, C/2025/5782, 30.10.2025, ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A52025AG0010%2801%29.